KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SEBA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 9

Id-disa laqgħa tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema inżammet il-Ħamis 4 ta' Ottubru 2012 fis-6.15pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Silvio Zammit | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Mary Camilleri | Kunsilliera |
| | Kristian Busietta | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUŻATI** | Pierre Paul Portelli | Kunsillier |
| **ASSENTI** | Nicolai Gauci | Kunsillier |

| | | |
|---|---|---|
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |

**PUNT 1 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-BORD TAL-OFFERTI PUBBLIĊI**

1.0 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi saru żewġ laqgħat tal-Bord, waħda li saret nhar it-18 ta' Settembru u oħra nhar il-25 ta' Settembru 2012.

Fil-laqgħa tat-18 ta' Settembru, l-agenda kienet tinkludi:

1) Tender għal Sit Elettroniku
2) Tender għal Tabelli u Sinjali tat-Traffiku
3) Tender għal manutenzjoni ta' Toroq u Bankini
4) Tender għal manutenzjoni ta' Ġonna

Fil-laqgħa tal-25 ta' Settembru, l-agenda kienet tinkludi:

1) Tender għal manutenzjoni ta' Toroq u Bankini

Sabiex id-deċizjonijiet tal-Kunsill ikunu innotati b'mod ċar, s-Sindku talab li l-minuti tal-Bord jitqiesu bħala parti integrali mill-minuti ta' din il-laqgħa. Il-Kunsill qabel.

1.1 **<u>Tender għal Sit Elettroniku</u>**

Is-Sindku qara l-minuti tal-Bord.

Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord illi jagħżel l-offerta tal-kumpanija *Webee* peress li din l-offerta, apparti li hija l-irħas waħda, hija wkoll l-aktar vantaġġuża peress li tinkludi wkoll *hosting* u *basic support* għal tlett snin.

1.2 **<u>Tender għal Tabelli u Sinjali tat-Traffiku</u>**

Is-Sindku qara l-minuti tal-Bord.

Hawn il-Bord irrakomanda l-għazla tal-kumpanija *B. Grima & Sons. Ltd.* peress illi l-prezz huwa favorevoli u għaldaqstant *affordable*. Il-kumpanija (KOPTASIN) li l-Kunsill beda juża għal dan is-servizz fil-preżent, permezz ta' kwotazzjoni, ma bdietx toffri servizz effiċjenti u kif mixtieq. Kien hemm dewmien mhux ġustifikat u dan fuq bażi regolari. Kien hemm ukoll każijiet ta' xogħol ħażin fuq tabelli.

Il-Kunsillier M Briguglio qal li l-*KOPTASIN* ilhom ħafna jaħdmu mal-Kunsill Lokali Tas-Sliema, u qatt ma ra li hemm problemi bix-xogħol tagħhom. Huwa qal li jiftakar li dejjem konna naħdmu tajjeb magħhom. Il-Kunsilliera M Aquilina qablet.

Il-Kunsilliera M Camilleri saqsiet lil Viċi Sindku għala talab pariri lis-Sindki tar-Rabat u tal-Pieta? Il-Viċi Sindku qal li dawn iż-żewġ Sindki kienu ħadmu mal-kuntrattur *Grima & Sons. Ltd.* hekk kif ukoll mal-*KOPTASIN*. Huwa qal ukoll illi ż-żewġ Sindku jirrappreżentaw pariti politiċi differenti.

Il-Viċi Sindku qal li hu l-Kunsillier responsabbli tax-xogħlijiet relatati mat-traffiku u għaldaqstant irid jirrispondi għal dan is-servizz. Huwa qal li hu bħala Kunsillier ma jistax ikun effettiv jekk il-kuntrattur ma jkunx effiċjenti. Il-Viċi Sindku reġa sostna li preżentament qed ikun hemm dewmien biex ninqdew.

Il-Viċi SIndku qal li issa li l-Kunsill approva li jimplimenta r-*Residential Parking Scheme*, huwa jibża li bis-servizz preżenti, u bid-dewmien li qed iġib miegħu, mhux se nkunu effiċjenti fl-implimentazzjoni ta' dan il-proġett daqsekk sensittiv.

Il-Kunsilliera M Camilleri qalet li mal-kuntrattur *KOPTASIN* għandna esperjenza, imma ma *Grima & Sons Ltd.* ma għandniex. Hija għaldaqstant qalet li tirrakkomanda l-offerta ta' *KOPTASIN*. M Briguglio qabel.

Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka illi meta nsemmu dewmien, irridu niftakru illi s-servizz preżenti kien qed jingħata permezz ta' kwotazzjoni, illi fiha ma kienx deskritt kemm hu ż-żmien biex ninqdew u laqqas kien hemm il-fakulta li jingħataw *default notices*. F'dan ir-rigward, importanti li jekk il-Kunsilliera ser jghoddu kemm damet biex teħel tabella, iridu jgħoddu l-granet minn meta ħarġet il-*purchase order* mill-uffiċċju tal-Kunsill.

Il-Viċċ Sindku qal illi waqt il-proċess tal-aġġudikazzjoni, persuna mil-kumpanija *KOPTASIN* avviċinatu u rikbet ukoll fil-vettura personali tiegħu fejn dan prova jinfluwenzah fuq l-għazla ta' dan il-kuntratt.

Il-Kunsilliera M Aquilina qalet li hi ovjament għada issostni dak li qalet fil-Bord, voldieri, li hija taqbel mal-offerta tal-*KOPTASIN*.

Il-Kunsilliera M Briguglio u M Camilleri qalu li ga la darba il-Vici Sindku huwa responsabbli min dan is-servizz, ser joqgħodu fuq il-kelma tiegħu li d-dewmien fis-servizz fil-preżent ma hux wieħed ġustifikat, u għaldaqstant qablu mar-rakkomandazzjoni tal-Bord.

M Aquilina ma qablitx.

Il-Kunsill qabel li tintgħazel l-offerta ta' *B. Grima & Sons. Ltd.*

1.3 **<u>Tender għal Manutenzjoni ta' Toroq u Bankini</u>**

Is-Sindku qara l-minuti tal-Bord tal-laqghat tat-18 u 25 ta' Settembru 2012.

Kif rimarkat fil-minuti tal-Bord, d-diskussjoni fil-Bord kienet ibbazata fuq rapport komparattiv bejn l-offerti sottomessi li kien ikkumissjonat lill-Perit tal-Kunsill Lokali.

Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord u li għaldaqstant tintgħazel l-offerta ta' *Philip Agius & Sons. Ltd* peress li din l-offerta hija l-aktar waħda b'rati vantaġġjużi.

1.4 **<u>Tender għal Manutenzjoni ta' Ġonna</u>**

Is-Sindku qara il-minuti tal-Bord.

Il-Kunsill qabel li tintgħazel *Option B* tal-offerta tal-*Environmental Landscapes Consortium* għal valur ta' €65,250 fis-sena.

1.5 **<u>Kwotazzjoni għal Xiri jew Kiri ta' *Photocopier*</u>**

Is-Sindku stqarr li din l-offerta ġiet diskussa f'laqgħa tal-Bord li saret illum stess qabel din il-laqgħa tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li l-Bord evalwa l-prezzijiet offruti għal xiri u għal kiri minn diversi offerenti. Wara evalwazzjoni, l-Bord irrakomanda li l-aktar offerta vantaġġjuża hija dik ta' xiri ta' *photocopier* tal-kumpanija Xerox bil-prezz ta' €1820.

Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord.

**PUNT 2 AĠĠORNAMENT**

2.0 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-18 ta' Ottubru 2012 fis-18.00.

2.1 Il-laqgħa ntemmet. Ħin: 19.09

Minuti approvati llum 18 ta' Ottubru 2012

**Anthony Chircop**

**Sindku**

**Matthew Dimech**

**Segretarju Eżekuttiv**